MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2011

Appell Kriminali Numru. 279/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Marco Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Esekuttiva kontra l-imsemmi Marco Camilleri talli f'dawn il-Gżejjer fit-23 ta' Awwissu 2003 u matul l-aħħar xhur qabel din id-data:

a) ittraffika, biegħ, qassam jew offra li jittraffika, ibiegħ jew qassam mediċina psikotropika u ristretta (ecstasy) mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kap 31

tal-Liġijiet ta’ Malta u r-regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendati;

b) kellu fil-pussess tiegħu mediċina psikotropika u ristretta (ecstasy) mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x’jaqsmu magħha, Kap 31 tal-Liġijiet ta’ Malta u r-regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendati liema droga nstabet f’tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu.

Il-Qorti ntalbet ukoll sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imsemmi Marco Camilleri jhallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-14 ta’ Gunju 2010 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikolu 17(b) tal-Kap 9 kif ukoll ir-regolament 3(1) tal-Avviż Legali 22/1985 u l-artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(i)(ii), 120A(1B) u 120(2B) (li jikkorrispondi għall-artikolu 29 tal-Kap 101) tal-Kap 31 tal-Liġijiet ta’ Malta, sabet lill-imsemmi Marco Camilleri ħati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni u wara li qieset li l-imputat kellu fedina penali nadifa, li għandu jibbenefika mill-artikolu 29 fi grad, u wara li qieset ukoll li s-sustanza nstabet qabel il-bidu ta’ party fuq dgħajsa, ikkundannatu għall-piena ta’ priġunerija għal disa’ xhur u għall-ħlas ta’ multa ta’ €1200 liema multa tista’ titħallas b’rata ta’ 100 euro kull erba’ ġimgħat bl-ewwel pagament iseħħ fi żmien erba’ gimgħat mid-data tas-sentenza appellata. Jekk xi pagament ma jitħallasx, il-bilanċ jitħallas f’daqqa. Jekk xi parti mill-multa ma titħallasx, din għandha tinbidel f’jum priġunerija għal kull €11.65 li ma jitħallsux. Ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 il-Qorti ikkundannat lill-istess Marco Camilleri jħallas l-ispejjeż tal-espert li jammontaw għal €466.60. Il-Qorti ordnat d-distruzzjoni tad-droga taħt is-sorveljanza tar-Reġistratur;

Rat ir-rikors ta’ l-appell ta’ Marco Camilleri pprezentat fl-24 ta’ Gunju 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata fejn instab hati ta’ l-ewwel u t-tieni imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, u dan billi tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena; sussidjarjament, tirrifomaha fil-parti tal-piena, billi tigi mposta piena aktar ekwa u gusta ghall- fattispeci tal-kaz;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

L-aggravju principali ta’ l-appellant bazikament jirriduci ruhu f’dak ta’ apprezzament hazin tal-provi. Jibda biex jirreferi ghat-tieni imputazzjoni, dik ta’ pussess “aggravat”, u jghid li ma setax jigi akkuzat b’din l-imputazzjoni peress illi ma kienx fil-pussess tad-droga li nstabet fit-23 ta’ Awissu 2003, ghax din instabet fuq Daniel Scerri, u dan nonostante li ammetta li kienu tieghu.

L-ewwelnett, ghalkemm il-pilloli ecstasy instabu mill-Pulizija fuq Daniel Scerri, fix-xiehda tieghu quddiem l-ewwel Qorti l-appellant ammetta li kienu tieghu u li kien xtrahom hu – fil-fatt semma l-persuna li minghandha kien xtara l-ghoxrin pillola ecstasy li nstabu. Ammetta wkoll li kien hu li tahom lil Daniel Scerri biex izommhomlu u li Scerri kien se jtihomlu lura. Mela indubitament fil-mument tas-sejba l-appellant kellu l-pussess kostruttiv filwaqt illi qabel ma ghaddihom lil Scerri kellu l-pussess effettiv ta’ dawk il-pilloli.

L-appellant imbaghad jissottometti illi xorta ma setax jinstab hati ta’ pussess aggravat peress illi parti mill-pilloli kienu se jintuzaw ghall-konsum minnu u Daniel Scerri. Ma thallewx id-dar dawk li ma kinux se jigu kkunsmati peress illi hadd mill-gerituri taghhom ma kien jaf li jabbuzaw mid-droga. Jirreferi ghall-istqarrija tieghu fejn ammetta li kien ilu sena jabbuza mill-ecstasy. Ghalhekk, jghid l-appellant, il-prosekuzzjoni naqset milli tipprova li l-pussess tad-droga

kienet bl-intenzjoni ta’ spacc. Huwa jirreferi ghal diversi sentenzi ta’ din il-Qorti f’dar-rigward.

Din il-Qorti ezaminat fil-fond il-provi kollha prodotti quddiem l-ewwel Qorti u sejra tirreferi biss ghax-xiehda ta’ l-appellant stess. Kif inghad, l-appellant jammetti li l-ghoxrin pillola ecstasy li nstabu fuq Daniel Scerri kien xtrahom hu, kien ghaddihom lil Daniel Scerri biex izommhomlu bil-hsieb li mbaghad jerga’ jghaddihomlu, u kienu se juzaw minn dik l-ecstasy it-tnejn li huma. Jigifieri hawn qieghed jindika li l-hsieb kien ta’ *sharing*.

F’dar-rigward huwa rilevanti s-subartikolu (9) ta’ l-artikolu 22 tal-Kap. 101 li jipprovdi:

**“(9) Id-disposizzjonijiet ta’ l-artikoli 21 u 28A tal-Kodici Kriminali u d-disposizzjonijiet ta’ l-Att dwar il-Probation ma jkunux applikabbli dwar xi persuna misjuba hatja ta’ reat kif imsemmi fis-subartikolu (2)(a)(i) jew fis-subartikolu (2)(b)(i):**

**Izda meta, dwar xi reat imsemmi f’dan is-subartikolu, wara li jitqiesu c-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz l-ammont u x-xorta tal-medicina in kwistjoni, ix-xorta ta’ persuna involuta, l-ghadd u n-natura ta’ kull kundanna li l-persuna kellha qabel, inkluzi kundanni li dwarhom tkun saret ordni taht l-Att dwar il-Probation, il-Qorti tkun tal-fehma li l-hati kien bi hsiebu jikkonsma l-medicina f’dak l-istess post flimkien ma’ ohrajn, il-Qorti tista’ tiddeciedi li ma tapplikax id-disposizzjonijiet ta’ dan is-subartikolu.”**

Fl-Appelli Kriminali **Il-Pulizija v. Russell Bugeja** u **Il-Pulizija v. Marco Galea**, it-tnejn decizi fil-5 ta’ Mejju 2008, l-imsemmi *proviso* gie spjegat b’dan il-mod:

**“Huwa evidenti mid-dicitura tal-ligi li, apparti konsiderazzjonijiet ohra li l-qorti ghandha tizen sew qabel ma tapplika dan l-ewwel *proviso* (fosthom l-ammont u x-xorta ta’ medicina involuta, ecc), trid tkun tirrikorri wkoll sitwazzjoni partikolari fejn id-droga tkun ser tigi, jew tkun giet, ikkunsmata (i) fl-istess**

**post u (ii) minn min ikun qed jipprovdiha flimkien ma' ghall-anqas persuna ohra. Il-kliem "flimkien" u "fl-istess post" jissottolineaw l-element ta' komunanza – dak li aktar popolarment jissejjah "sharing" – jigifieri li dak li jkollu id-droga intiza ghalih jiddeciedi li jaqsamha ma' haddiehor f'dak l-istess waqt li jkun qed jikkunsmaha huwa stess. Kif inhu risaput, fil-ligi taghna min joffri d-droga, li jkollu ghall-uzu tieghu, lil haddiehor – cioe` jaqsamha ma' haddiehor – ikun qieghed jipprovdi ("supply" fit-test ingliz) dik id-droga ghall-finijiet tad-definizzjoni ta' traffikar (Art. 22(1B)), u, per konsegwenza, ikun qed jittraffika dik id-droga. Dak li l-legislatur ried kien li meta jkollok kazijiet zghar u izolati ta' "sharing" – persuna jkollha d-droga ghaliha u taqsamha ma' haddiehor – tkun tista' (izda mhux bilfors – ghalhekk iridu jitqiesu c-cirkostanzi kollha tal-kaz) tigi evitata, ghall-anqas ghall-ewwel darba, il-piena mandatorja ta' prigunerija b'effett immedjat."**

Issa, fix-xiehda tieghu l-appellant jghid li dak li kienu jaghmlu hu u Daniel Scerri kien li jaqsmu l-flus bejniethom u jixtru: "Nixtru ghalija u ghalih…" u "Gieli xtrajt jien u gieli gab hu." Dan zgur ma jikkostitwix *"sharing"* kif spjegat fis-sentenza appena citata. Barra minn hekk hawn si trattava ta' ghoxrin pillola ecstasy. L-appellant jghid li f'lejl gieli ha hamsa. Assumendo li Daniel Scerri kien ukoll jikkonsma hamsa, xorta kien jibqa' ghaxar pilloli. L-appellant ipprova jispjega li kienu kollha fuqhom ghax ma riedx ihallihom fil-karozza "ghax mhix tieghi imma ta' missieri u zammejnihom bhal speci hekk fuqna. U ma tistax tghid, jekk inkunu rridu iktar niehdu iktar." Anki kieku wiehed kellu jqis dan ir-ragunar bhala veritjer, il-mod kif kien jakkwista d-droga ghal Daniel Scerri ma jistax jitqies bhala *sharing* ghall-finijiet tal-ligi u ghalhek m'hemmx dubju li l-pussess aggravat jirrizulta pruvat. U jekk parti minn dawk il-pilloli kienu ghall-istess Daniel Scerri, din il-Qorti tasal biex tghid li meta l-appellant ghadda l-pilloli lil Scerri, kien allura diga` wettaq att ta' traffikar. Inoltre jirrizulta kemm il-pussess aggravat u anke t-traffikar f'okkazjonijiet ohra – koperti mill-perijodu msemmi fl-akkuza – peress illi meta l-prosekuzzjoni, waqt il-kontro-ezami, qrat lill-appellant dik

il-parti ta’ l-istqarrija fejn l-appellant kien qal li kien ilu jbiegh madwar xahar u li xtara minghand il-persuna minnu ndikata xi tliet darbiet jew aktar, l-appellant ikkonferma li xtara “imma ghalina mhux biex inbieghhom”. U ghall-mistoqsija: “Jigifieri veru xtrajt tliet darbiet pero` mhux li tbieghhom qed tghid”, l-appellant wiegeb: “Iva.” Dan ifisser li kien qieghed jissupplixxi l-ecstasy lil Daniel Scerri. U anke jekk ma kienx qieghed jaghmel qliegh, dan xorta jikkostitwixxi traffikar, peress illi t-traffikar mhuwiex biss il-bejgh ta’ droga.[1]

Ghaldaqstant l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant jirrizultaw pruvati mix-xiehda biss ta’ l-appellant stess u ma hemmx lok li jigu kkunsidrati l-ilmenti l-ohra tieghu.

Fejn din il-Qorti ma taqbilx ma’ l-ewwel Qorti hu meta ghamlet distinzjoni bejn id-data tat-traffikar u d-data tal-pussess aggravat. Fil-fehma ta’ din il-Qorti kollox sar fl-istess perijodu ndikat fl-akkuza. U jekk huwa minnu dak li xehed Daniel Scerri li xtara pillola wahda minghand l-appellant f’okkazjoni precedenti, la darba dik il-pillola kienet qabel fil-pussess ta’ l-appellant allura hemm ukoll il-pussess aggravat. Kwindi t-tieni imputazzjoni ghandha titqies assorbita fl-ewwel imputazzjoni.

Aggravju iehor ta’ l-appellant huwa dwar il-piena. Jghid li dan il-kaz jirrisali ghall-2003 u m’ghandux kazijiet ohra pendenti, huwa persuna totalment riformata u m’ghandux fedina penali refrattarja. Dawn il-fatturi kienu a konjizzjoni wkoll ta’ l-ewwel Qorti, izda l-piena ta’ prigunerija hi wahda tassattiva. Pero` sejjer ikun hemm temperament fil-piena in vista ta’ dak li ntqal fil-paragrafu precedenti.

[1] L-art.120A(1B) tal-Kap. 31 jipprovdi: “Ghall-finijiet ta’ dan l-artikolu l-kelma "jittraffika" (bil-varjazzjonijiet grammatikali u bl-espressjonijiet imnisslin minnha) b’riferenza ghal traffikar f’medicina, tinkludi l-koltivazzjoni, l-importazzjoni f’dawk ic-cirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li dik l-importazzjoni ma kienietx ghall-uzu eskluziv tal-hati , il-manifattura, l-esportazzjoni, id-distribuzzjoni, il-produzzjoni, l-amministrazzjoni, il-provvista, li wiehed joffri li jaghmel xi wiehed minn dawn l-atti, u l-ghoti ta’ informazzjoni intiza biex twassal ghax-xiri ta’ tali medicina bi ksur tad-disposizzjonijiet ta’ din l-Ordinanza”

Evidentement l-ewwel Qorti kkundannat lill-appellant sitt xhur prigunerija dwar l-ewwel imputazzjoni u tliet xhur prigunerija dwar it-tieni imputazzjoni. Peress illi din issa qed tigi dikjarata assorbita fl-ewwel imputazzjoni, hu applikabbli l-artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u l-piena ghalhekk tkun dik ta’ sitt xhur prigunerija.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tiddikjara t-tieni imputazzjoni assorbita fl-ewwel imputazzjoni, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant ghal disa’ xhur prigunerija u minflok tikkundannah ghal sitt xhur prigunerija, u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija, b’dan li l-perijodu ghall-hlas tal-multa jibda jiddekorri millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------